# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 1 ta' Dicembru, 2021.**

**Numru 14**

**Rikors numru 793/10/1 SM**

**Carmela Galea u b'digriet tat-13 ta' Mejju 2020 stante l-mewt ta' Carmela Galea l-atti gew trasfuzi f'isem Carmel Galea u Jesmond Galea**

**v.**

**LIDL Malta Limited (C36317)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors guramentat tal-attrici Carmela Galea datat 5 ta' Awwissu, 2010, li permezz tieghu hija qalet hekk:

"<u>Dikjarazzjoni tal-Oggett tal-kawza</u>

1. Fid-29 ta' Jannar, 2009, l-esponenti, marret tixtri gewwa l-istabiliment gestit mis-socjeta` konvenuta, bl-isem 'LIDL', u li jinsab gewwa Triq ic-Ciklamini, San Gwann.

2. Hemmhekk, hekk kif l-esponenti kienet diehla gewwa l-*lift* li jwassal mill-pjan terran ghall-pjan sotterran, il-bieba tal-istess *lift* inghalqet fuqha b'tali mod u b'celerita` u forza eccessiva li hi giet mitfugha mal-art b'rizultat illi sofriet giehi ta' natura gravi fuq il-persuna taghha; dan kif iccertifikat fl-ewwel istanza, fid-29 ta' Jannar 2009, mit-tabib Dottor Dalisio Chetcuti (Nru. Reg. 5126) [Dok. 'A'].

3. Dawn il-griehi sofferti mill-esponenti wasslu ghal perjodu twil ta' rikoveru u trattament gewwa l-Isptar Mater Dei; dan kif jidher mic-certifikat mahrug mit-tabib Dottor Josef Zahra (Nru. Reg. 5151) [Dok. 'B'].

4. Per konsegwenza ta' dan l-incident, u wara d-debiti accertamenti medici, irrizulta illi l-esponenti sofriet griehi serji, gravi u permanenti fuq il-persuna taghha; dawn irrizultaw f'debilita` funzjonali u permanenti, u dan kif ahjar dettaljat fir-rapporti medici rilaxxjati mit-tabib Konsulent Massimo Abela, rispettament datati 2 ta' Lulju, 2009 u 29 ta' Ottubru, 2009 [Doks. 'C' u 'D'].

5. Ghalhekk per konsegwenza ta' dan l-incident l-esponenti sofriet danni konsistenti f'debilita` funzjonali u permanenti, telf ta' qliegh futur u spejjez ohra.

6. Is-socjeta` konvenuta, debitament interpellata permezz ta' ittra gudizzjarja datata 25 ta' Marzu, 2009 (riferenza 1199/2009), sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas ta' danni sofferti mill-esponenti baqghet ghal kollox inadempjenti [Doks. 'E' u 'F'].

7. Dwar dan l-incident sar ukoll rapport gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan [Dok. 'G'].

8. Carmela Galea (K.I. nru. 0362036(M)), taf personalment b'dawn il-fatti kollha.

<u>Raguni tat-Talba</u>

1. Ghalhekk, minhabba t-tort, u/jew negligenza u/jew mperizja, u/jew nuqqas ta' tehid ta' mizuri necessarji, ta' u da parti tas-socjeta` konvenuta, partikolarment tenut kont li hawn si tratta ta' *lift* kontinwament uzat mill-pubbliku, l-esponenti sofriet griehi serji, gravi u permanenti, inkluz ukoll telf ta' qliegh futur u spejjez ohra.

2. Ghalhekk kellhom jigu stitwiti dawn il-proceduri.

Talbiet:

**Tghid ghalhekk, is-socjeta` konvenuta, 'l ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja u opportuna:**

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghad-danni u spejjez ohra sofferti mill-attrici kif fuq spjegat, konsegwenza tal-incident datat 29 ta' Jannar, 2009.

2. Tillikwida, okkorrendo permezz ta' periti *nominandi*, id-danni u l-spejjez sofferti mill-attrici kif fuq spjegat konsistenti dawn id-danni f'debilita` funzjonali u permanenti, telf ta' qliegh futur u spejjez ohra.

3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lill-attrici d-danni u l-ispejjez hekk likwidati u dan flimkien ma' l-imghaxijiet dekoribbli mit-30 ta' Marzu, 2009, data tan-notifika tal-ittra gudizzjarja datata 25 ta' Marzu, 2009.

Bl-imghax legali kif mitlub u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra gudizzjarja datata 25 ta' Marzu, 2009, kontra s-socjeta` konvenuta, li tinsab minn issa ngunta ghas-subizzjoni".

2. Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` konvenuta LIDL Malta Limited, tal-10 ta' Settembru, 2010, li permezz taghha gie eccepit is-segwenti:

"ECCEZZJONIJIET

Illi s-socjeta` esponenti teccepixxi bir-rispett:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante li s-socjeta` eccipjenti ma ghandha ebda responsabilita` ghall-allegat incident li sehh nhar id-29 ta' Jannar 2010 mertu tal-proceduri odjerni u ghall-allegati danni sofferti minhabba tali incident.

2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attrici ghandha tipprova d-danni minnha allegatament sofferti.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

DIKJARAZZJONI

Christoph Doll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta, debitament awtorizzat, jikkonferma bil-gurament is-segwenti fatti li jafhom personalment:

1. Illi s-socjeta` konvenuta mhux responsabbli kemm ghall-allegat incident mertu tal-proceduri odjerni kif ukoll ghall-allegati danni sofferti inkonsegwenza ta' tali.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-*lift* inkwistjoni huwa wiehed installat skont il-ligi u jirrispetta r-rekwiziti rikjesti mill-ligi.

3. Illi fi kwalunkwe kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attrici trid tipprova d-danni minnha allegatament sofferti minhabba tali incident".

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta' Gunju, 2016*,* li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi filwaqt li laqghet ir-risposti kollha tas-socjeta` konvenuta, irrespingiet it-talbiet kollha tar-rikorrenti, in kwantu rriteniet li l-attrici naqset milli tipprova t-talbiet taghha skont il-ligi. Bl-ispejjez tal-istess procedura kontra l-attrici.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"18.0. Illi in vista tal-premess, il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

18.1. Illi waqt li r-rikorrenti kienet qed tixtri mill-istabiliment gestit mis-socjeta` intimata fi Triq ic-Ciklamini, San Gwann, hi kienet involuta fl-incident in dizamina;

18.2. Illi skont ir-rikorrenti l-incident sehh hekk kif kienet diehla fil-lift tal-istess stabiliment;

18.3. Illi proprju fil-mument hekk kif ir-rikorrenti kienet diehla fil-lift il-bieba tal-istess inghalqet fuqha u konsegwenza tal-istess ir-rikorrenti twaqqghet mal-art;

18.4. Illi konsegwenza tal-istess tallega li soffriet danni – kemm ta' natura damnum emergens, kif ukoll ta' natura lucrum cessans;

18.5. Illi da parti taghha, s-socjeta` intimata ssostni li hi mhix risponsabbli ghall-incident de quo stante:

18.5.1. Illi l-lift in dizamina jahdem b'mod perfett;

18.5.2. Illi l-lift ma kienx il-kawza tal-incident in dizamina;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi l-kontendenti jsostnu posizzjonijiet kontrastanti rigwardanti l-lift protoganist tal-vertenza odjerna:

19.1. Illi r-rikorrenti ssostni li hekk kif hi kienet diehla fil-lift "... il-bieba harget b'sahha kbira fuqi u wegghatni, fil-fatt tajritni", (ara foll 239);

19.2. Illi s-socjeta` intimata u dik risponsabbli mill-manutenzjoni tal-lift in dizamina sosstnu li l-lifts tal-imsemmi stabiliment, u allura anke l-lift meritu tal-kaz, kienu jigu kkurati regolarment, (ara foll 220);

19.3. Illi meta jigu riskontrati xi hsarat fil-liftijiet dawn ikunu rapportati tempestivament u rimedjati mill-ewwel, (ara foll 221);

19.4. Illi di piu`, jirrizulta li l-istess lift kien regolarment iccertifikat skont il-ligi, (ara foll 221);

19.5. Illi meta l-bieb tal-lift in dizamina gie ezaminat mhux aktar minn tlett (3) tijiem wara l-incident in dizamina mit-tekniku addett ghal dan ix-xoghol specjalizzat, "... irrizulta li l-forza tal-bieb kienet fil-limitu li titlob il-ligi", (ara foll 221);

19.6. Illi ghalkemm meta l-istess bieb kellu wkoll il-photocells tieghu ezaminati u dawn instabu li ma kienux qed jahdmu, (ara foll 221), gie rilevat li l-iskop tal-istess hu li jipprotegu l-bieb mill-ostakli li jistghu jithallew fin-nofs u ghalhekk, huma intizi "... biex jipprotegu l-bieb u ma ssirx hsara fuqu", (ara foll 221);

19.7. Illi ghalhekk is-socjeta` intimata ssostni li l-incident in dizamina:

19.7.1. Mhux talli ma kienx wiehed prevedibbli:

"19.7.2. Izda ma sehhx minhabba xi fatt jew ommissjoni imputabbli lis-socjeta` intimata;

Ikkunsidrat:

20. Illi konsiderazzjoni bazika biex tigi rizolta l-vertenza in dizamina hi dik li biex is-socjeta` intimata tkun tista tinzamm responsabbli ghall-

incident in meritu jrid jirrizulta debitament ipprovat li l-istess socjeta` tkun naqset milli tilhaq il-kriterju statutorjament stabbilit li fl-operat taghha fir-rigward, jirrizulta li ma lahqitx il-kriterju tal-bonus pater familias kif stipulat fl-artiklu 1032 tal-Kodici Civili;

21. Illi l-artiklu tal-Kapitlu 16 indikat fil-paragrafu precedenti jistabbilixxi s-segwenti:

> "Jitqies fi htija min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, d-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja";

Ikkunsidrat:

22. Illi kif ritenut f'Windfield & Jolowicz on Tort pagna 299 kif citati mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet Samuel Zarb vs. Michael Vella u martu Rose Marie Vella datata t-28 ta' Gunju, 2002, tali dover hu wiehed li jkun:

> "... a duty to take such care as is reasonable to see that the visitor will be reasonably safe in using the premises for the purposes for which he is invited or permitted to be there. The question whether the occupier has fulfilled his duty to the visitor is thus dependent upon the facts of the case. The relevant circumstances include the degree of care and of want of care that may be looked for in the particular visitor";

23. Illi di piu`, kif ritenut mill-Qorti tal-Appelli (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet Biagio Muscat vs. Anthony Falzon, deciza fit-12 ta' Mejju, 2003:

> "... wiehed jehtieg jikkollega l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta' diligenza mar-requizit tal-prevedibilita` tal-event dannuz ... Prevedibilita` din, li trid tkun ta' probabiltajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili";

24. Illi l-istess sentenza citata fil-paragrafu precedenti tkompli billi temfasizza li:

> "il-kolpa, fil-kaz ta' fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana, tavvera ruhha f'illi wiehed jaghmel att volontarjament, u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta' dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett. Meta l-att li kkaguna d-danni kien jikkonsisti fil-manegg ta' haga perikoluza, r-responsabilita` ta' min jaghmel dak l-att hija assoluta. Mhiex difiza tajba kontra din ir-responsabilita` l-allegazzjoni illi min ghamel l-att li gieb id-danni kien ilu jaghmlu zmien twil u qatt ma nqala` xejn, u li ghalhekk min ghamel dak l-att ma setax jissopponi li fil-kaz partikolari kien ser jinqala` dak li nqala`";

25. Illi in oltre t-tifsira ta' kulpa kompliet tigi approfondita mill-istess Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet Richard Casha vs. Frans Sammut datata t-28 t'April, 2003 meta rrikorriet ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell minnha hemm citata mill-Volum XXIV P.I p. 172 li stabbiliet li:

fl-ismijiet Pubblio Azzopardi vs. Antonio Arcicovich ed altri

> "... vi ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione ed omissione e si violo` il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha ... la colpa ...";

Ikkunsidrat:

26.0. Illi tenut kont tal-principji kif fuq stabbiliti kurjalment hu issa ghaqli li jigu ezaminati l-fatti rizultanti mix-xhieda mismugha u mid-dokumenti esebiti li jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

26.1. Illi skont ix-xhieda tal-mechanical engineer prodott jirrizulta sintetikament is-segwenti:

26.1.1. Illi l-ahhar spezzjoni tal-lift in dizamina involut fl-incident de quo, dik imsejha s-six monthly report, kienet giet minnu effetwata fil-11 ta' Dicembru, 2008, (ara fol 146 u 161);

26.1.2. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-istess spezzjoni tirrizulta li kienet saret qabel ma sehh l-incident in dizamina li sehh fid-29 ta' Jannar, 2009, (ara foll 1, 180 u 245);

26.1.3. Illi min ezami tal-ispezzjoni preventiva in dizamina, jirrizulta s-segwenti: (ara foll 161 u 162)

26.1.3.i. Illi l-lift in kwistjoni kien wiehed gdid;

26.1.3.ii. Illi l-lift in kwistjoni kien wiehed tat-tip specifikatament indikat bhala lift partikolari intiz ghall-post tax-xoghol;

26.1.3.iii. Illi l-piz meqjuz li kapaci jiflah minghajr ma jkun ta' periklu hu ta' erbat elef, (4,000), kilogramm, jew sa' erbghin persuna;

26.1.3.iv. Illi l-istess lift kien gie precedentement spezzjonat l-ahhar fit-3 t'April, 2008;

26.1.3.v. Illi l-bibien fl-istess lift kienu gew debitament spezzjonati u ma ttiehdu l- ebda passi riparatorji fih;

26.1.3.vi. Illi s-sistema tal-brake kienet ukoll debitament spezzjonata u ma nstabitx karenti;

26.1.4. Illi l-ispezzjoni in dizamina saret minn mechanical engineer appozitament ikkwalifikat f'dan il-qasam partikolari

debitament awtorizzat mill-Awtorita` Maltija ta' l-standards biex jeffettwa tali spezzjonijiet, (ara foll 144);

26.1.5. Illi ghalhekk jirrizulta debitament assodat li kemm il-bieb tal-lift in dizamina u s-sensors tal-istess kienu debitament funzjonanti fil-livelli rikjesti mill-ligi;

26.1.6. Illi in effetti kif jispjega l-istess mechanical engineer il-bieb tal-lift in dizamina jkollu zewg (2) sensors:

26.1.6.i. Illi wiehed minn dawn is-sensors hu identifikat bhala Photo Cell li jidentifika illi jkun hemm xi hadd u jiftah il-bieb, (ara foll 149 u 221);

26.1.6.ii. Illi l-iehor jissejjah Force Limiter li jiffunzjona b'tali mod li meta l-bieb tal-lift jibda jinghalaq u jkun hemm xi persuna fil-linja tat-tragward tal-istess, dan ma jippermettix li l-bieb ikompli jinghalaq fuq dak li jkun, (ara foll 149);

26.1.7. Illi jirrizulta pacifiku li la fir-rapport preventiv tal-11 ta' Dicembru, 2008, ma kien hemm xejn fir-rigward, dan ifisser li s-sensors de quo kienu fi stat tajjeb ta' funzjonalita`, (ara foll 161 u 162);

26.1.8. Illi di piu`, jirrizulta wkoll debitament ipprovat li fil-perjodu bejn Dicembru 2008 u Frar 2009, il-lifts tal-istabbiliment in dizamina gestit mis-socjeta` intimata kien issirilhom manutenzjoni mis-socjeta` Elmein, (ara foll 220 u 226 sa 229);

26.1.9. Illi skont il-job cards tal-istess socjeta` indikata fil-paragrafu precedenti relattivi ghall-perjodu immedjatament qabel l-incident in dizamina jindikaw li l-manutenzjoni fl-istess lift in dizamina kienet wahda serja, kontinwa, effettiva u regolari, (ara foll 226 sa 229);

26.1.10. Illi l-job sheet li tindika l-htiega li l-Photo Cell kienet tinhtieg li tkun mibdula, ggib id-data tas-6 ta' Frar, 2009, u ghalhekk irrilevanti ghall-vertenza in dizamina stante li posterjuri ghall-incident, (ara foll 226);

26.1.11. Illi l-istess rapprezentant tas-socjeta` Elmein fuq gia` riferita, (ara paragrafu numru sitta u ghoxrin punt wiehed punt tmienja, (26.1.8.), aktar qabel), isostni meta fis-6 ta' Frar, 2009, mar flimkien mal-mechancal engineer fuq riferit, (ara paragrafu numru sitta u ghoxrin punt wiehed, (26.1.), aktar qabel), biex jispezzjonaw konguntement il-forza tal-bieb tal-lift in dizamina hawn protagonista, il-bieb tal-lift instab li kien jinghalaq b'forza li kienet fil-limiti ta' dik stabbilita bil-ligi, (ara foll 221);

Ikkunsidrat:

27. Illi minn analizi tar-rizultanzi kif fuq sintetikament elenkati din il-qorti hi tal-fehma li l-imprudenza, jew negligenza allegata mir-rikorrenti fil-konfront tas-socjeta` intimata ma tirrizultax debitament ipprovata fil-limiti rikjesti mill-ligi;

28. Illi minflok jirrizulta li l-istess socjeta` intimata kienet kostanti u regolari fil-manutenzjoni tal-liftijiet minnha gestiti, u dan, minn persuni debitament kwalifikati li operaw fl-ambitu tal-kostrizzjonijiet professjonali taghhom u fl-ambitu tar-regolamenti fuqhom imposti anke mill-Awtorita` Maltija ta' l-Istandards li tirrenja fir-rigward;

Ikkunsidrat:

29. Illi jinghad ukoll li ghandu jirrizulta pacifiku li l-event dannuz lamentat mir-rikorrenti ma kienx wiehed prevedibbli mis-socjeta` intimata;

30. Illi di piu`, il-fragilita` fizika tar-rikorrenti setghet kienet fattur li kkontribwiet severament ghall-akkadut;

Ikkunsidrat:

31. Illi in vista tal-premess ghandu wkoll jirrizulta li l-kulpa imputata fuq is-socjeta` intimata mir-rikorrenti ma tirrizultax debitament ipprovata fil-konfront tal-istess socjeta`;

32. Illi ghalhekk, mhux il-kaz li l-istess socjeta` intimata tigi akkollata bir-responsabbilita` Akwiljana postulata mir-rikorrenti, u dan, stante li l-imsemmija kulpa tas-socjeta` de quo ma tirrizultax debitament assodata fil-konfront taghha;

33. Illi minflok ir-rizultanzi kif fuq elenkati effettivament jindikaw li l-istess socjeta` intimata agixxiet bhala missier tajjeb tal-familja meta kif jirrizulta, regolarment u assidwament effettwat il-manutenzjoni, kemm preventiva u posterjuri fil-liftijiet de quo biex tassigura l-effettivita` tal-istess skont il-ligi fl-interess anke tal-klijenti taghha li jiffrekwentaw l-istess stabiliment;

34. Illi in vista tal-premess, ghandu wkoll ikun pacifiku li s-socjeta` intimata bl-ebda mod ma kkontribwiet ghad-danni sofferti mir-rikorrenti;"

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-attrici appellanti, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza tal-Prim'Awla tal-

Qorti Civili tat-28 ta' Gunju, 2016, fil-kawza fl-ismijiet premessi u minflok tilqa' t-talbiet tal-attrici appellanti, hekk kif mitluba fir-rikors guramentat. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata.

6. Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta` konvenuta appellata, li permezz taghha talbet lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata u b'hekk tichad l-appell tal-attrici appellanti. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

7. Rat li l-partijiet ittrattaw l-appell in ezami;

8. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi dan il-kaz jitratta incident li permezz tieghu l-attrici, waqt li kienet qieghda tixtri fl-istabbiliment kummercjali tas-socjeta` konvenuta f'San Gwann, hekk kif dahlet fil-*lift* tal-istess stabbiliment, il-bieba tal-*lift* inghalqet fuqha, bil-konsegwenza li l-attrici twaqqghet mal-art u soffriet danni kemm ta' natura *damnum emergens,* kif ukoll ta' natura *lucrum cessans.* Kwindi l-attrici titlob li (i) s-socjeta` konvenuta tigi dikjarata responsabbli ghad-danni u spejjez ohra li hija garrbet konsegwenza tal-incident li sehh fid-29 ta' Jannar, 2009; (ii) jigu likwidati d-danni u l-ispejjez

imgarrba mill-attrici, inkluz id-danni konsistenti f'debilita` funzjonali u permanenti, telf ta' qligh futur u spejjez ohra; u (iii) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attrici d-danni hekk likwidati, flimkien mal-imghaxijiet dekorribbli mit-30 ta' Marzu, 2009.

10. Is-socjeta` konvenuta laqghet ghat-talbiet attrici billi rrigettat it-talbiet attrici bhala nfondati ghar-raguni li m'ghandha l-ebda responsabbilita` ghall-incident li sehh nhar id-29 ta' Jannar, 2009 u ghalhekk m'ghandhiex twiegeb ghad-danni mgarrba fl-imsemmi incident u li jispetta lill-attrici tipprova d-danni allegatament imgarrba.

11. Permezz tas-sentenza taghha tat-28 ta' Gunju, 2016, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, filwaqt li laqghet ir-risposti tas-socjeta` konvenuta, cahdet it-talbiet kollha tal-attrici, peress li rriteniet li l-attrici ma rnexxilhiex tipprova t-talbiet taghha skont il-ligi.

12. L-attrici hassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interponiet appell minnha. L-appell taghha jissejjes fuq zewg aggravji principali: (I) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha, kif ukoll (II) naqset milli tezamina korrettement il-principji legali applikabbli in materja, b'mod partikolari f'dak li ghandu x'jaqsam mal-obbligi tas-socjeta` konvenuta versu l-klijenti taghha u n-

nies li tilqa' fil-fond immexxi minnha, liema aggravji l-appellanti taghzel li titratta f'daqqa.

13. In kwantu l-ewwel aggravju dwar l-apprezzament tal-provi, l-appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti tasal ghal konkluzjonijiet imsejha minnha bhala "skontati" li ma jirrizultaw minn imkien, kif ukoll li tonqos milli timmotiva r-rizultanzi taghha b'referenza specifika dettaljata ghall-provi u ghalhekk ma fehmitx ir-raguni ghala l-ewwel Qorti ghazlet li tqis il-fatti li rrizultawlha mill-verzjoni tas-socjeta` konvenuta u mhux dik tal-attrici appellanti. Kwindi l-appellanti tikkontendi li jezistu c-cirkostanzi li jippermettu r-ri-ezami tal-provi skont il-ligi. Tilmenta li l-ewwel Qorti ghamlet numru ta' rimarki, osservazzjonijiet u konkluzjonijiet, li wassluha ghall-konkluzjoni finali li tirrespingi t-talbiet attrici.

14. Ghandu jinghad mal-ewwel, li l-fatt li l-ewwel Qorti siltet mill-provi in atti dawk il-provi li dehrilha li fuqhom kellha sserrah il-gudizzju taghha, ma jfissirx li ma qisetx il-provi mressqa mill-appellanti. Kif inghad fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tal-10 ta' Jannar, 2007, fil-kawza fl-ismijiet **Carmen Lia v. Anthony Coreschi:**

> *"Kien certament jirrientra fis-setgha diskrezzjonali tal-Bord dwar l-apprezzament tal-provi illi huwa jifforma gudizzju fuq l-attendibilita` u kredibilita` ta' certa xhieda invece ta' ohrajn jew li jiddetermina, fid-diskrezzjoni gudizzjarja tieghu, illi l-provi ta' l-appellanti kellhom jitqiesu insodisfacenti jew inattendibbli. Kif taraha din il-Qorti, il-Bord ha gharfien ta' l-elementi kollha tal-provi prodotti, ta' naha u ta' ohra. Jekk, imbaghad, hu deherlu li kellu jqieghed a fondament tad-decizjoni tieghu sors ta' prova ad eskluzjoni ta' ohra dan ma jfisserx illi ghaldaqshekk*

*huwa okkupa ruhu minn provi parzjali biss. Hi, anzi, il-fehma ta' din il-Qorti illi huwa l-istess appellanti li bl-appell tieghu qed jinsisti fuq certi provi, jaghtihom ri-elaborazzjoni personali tieghu fit-tentattiv li b' hekk jikkontrapponi l-valutazzjoni proprja ghall-parti razzjonali tas-sentenza. Taht dan il-profil din il-Qorti ma ssibx li tista' ticcensura lill-Bord li dan ma ghamelx gudizzju sew u serju tal-provi;"*

15. Applikati l-istess principji ghall-kaz in ezami, kif inghad drabi ohra, huwa ritenut li l-fatt li l-gudikant li jiddeciedi l-kawza, juza d-diskrezzjoni tieghu sabiex mill-provi in atti, iqis dawk il-provi l-aktar attendibbli u idoneji li jwasslu ghall-konvinciment tieghu, huwa parti mill-uzu ta' diskrezzjoni li bih huwa moghti. Fl-ezercizzju ta' din is-setgha l-gudikant jista' jaccetta x-xhieda ta' xi whud u jwarrab jew jiskarta ohrajn u jsejjes il-gudizzju tieghu fuq certu provi, aktar milli ohra. Dan huwa l-ezercizzju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Dik il-valutazzjoni mwettqa minn gudikant tal-ewwel grad hija insindakabbli, sakemm tkun wahda ragonevoli u motivata sa fejn mibnija fuq provi rizultanti mill-process. Izda din il-Qorti ghandha s-setgha li tikkoregi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun zbaljat u tkun qieghda tabdika mir-responsabbilita` taghha, jekk bhala Qorti tat-tieni grad, tonqos milli taghmel apprezzament awtonomu tal-fatti. Isegwi li huwa mehtieg li din il-Qorti tidhol fil-qofol tal-mertu tal-ilmenti esposti mill-appellanti sabiex tasal ghall-konkluzjoni taghha.

16. Imiss li din il-Qorti tindirizza l-ilmenti partikolari tal-appellanti. Hija tilmenta li f'paragrafu 26.1.5, l-ewwel Qorti sostniet li l-bieb tal-*lift* u s-*sensors* kienu funzjonanti fil-livelli rikjesti mil-ligi fid-data tal-incident, meta

ma tghidx liema ligi jew liema *standards* kienet qieghda tirreferi ghalihom u lanqas tghid x'wassalha sabiex temmen li proprju fid-data u fil-mument tal-incident dawn kienu qeghdin jahdmu kif suppost. Jigi osservat mill-appellanti li filwaqt li l-incident sehh fid-29 ta' Jannar, 2009, mix-xhieda ta' Thomas Dimech, rapprezentant tas-socjeta` Elmein Limited, irrizulta li sal-24 ta' Jannar, 2009, hsara fil-*lift* ma kienx hemm, izda li fis-6 ta' Frar, 2009, instab li kien hemm *photo cell (sensor)* difettuz u dan wara rapport ta' hsara maghmul mill-istess socjeta` konvenuta. Dan ifisser li bejn l-24 ta' Jannar, 2009, u s-6 ta' Frar, 2009, gara xi haga fis-*sensor* bil-konsegwenza li ghal xi zmien ma baqax jahdem sew meta xi hadd ikun diehel gol-*lift* sabiex il-bieba ma tinghalaqx. Ghalkemm l-appellanti tikkoncedi li ma jirrizultax ezattament meta wara l-24 ta' Jannar, 2009, ma baqax jahdem il-*photo cell,* izda ssostni li mhix kumbinazzjoni li hija weggghet b'daqqa ta' bieba proprju f'dan il-perjodu. Mentri l-ewwel Qorti qieset din il-prova tal-perjodu bhallikieku kienet xi haga accidentali u qalet biss li l-prova li s-*sensors* kienu bil-hsara kienet datata wara li sehh l-incident (anke jekk biss tmint ijiem wara) kienet ghal kollox irrilevanti.

17. L-appellanti tirrileva li sussegwentement, (f'paragrafi 26.1.7 sa 26.1.9 tas-sentenza) l-istess Qorti taghmel referenza ghar-rapporti u l-*job cards* dwar il-*lift* fil-perjodu ta' qabel l-incident, izda mbaghad ma qisetx bl-istess mod il-prova li s-*sensors* ma kinux qeghdin jahdmu fis-6 ta' Frar, 2009. L-unika prova li setghet tohloq certezza shiha kien ikun ezami

tekniku mwettaq proprju fil-hin u l-mument li sehh l-incident, prova li kienet impossibbli li titressaq. Kwindi hadd ma jista' jghid fic-cert li s-*sensors* kienu qeghdin jahdmu fil-mument li sehh l-incident. Izda tinsisti li meta wiehed jara c-cirkostanzi kollha, jasal ghall-konvinciment fuq bilanc ta' probabiltajiet, li l-appellanti ntlaqtet bil-bieba tal-*lift* peress li s-*sensor* ma kienx qieghed jahdem, kif jirrizulta accertat ftit jiem wara l-incident. Wara kollox id-dinamika tal-incident tikkombacja man-natura tad-difetti teknici deskritti minn Thomas Dimech. Dan apparti li d-dikjarazzjonijiet maghmula mir-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta li l-*lift* qatt ma kien bil-hsara hija kontradetta bix-xhieda tal-istess Thomas Dimech, kwindi tistaqsi ghala s-socjeta` appellata ghazlet li tahbi dan il-fatt. Il-fatt li fis-6 ta' Frar, 2009, haddiem ta' Elemein Limited biddel il-*photo cell* temporanjament u ghamel notament li dan kellu jinbidel, ghandha titqies bhala prova cara li fid-29 ta' Jannar, 2009, dan is-*sensor* ma kienx qieghed jahdem, bil-konsegwenza li weggghet l-appellanti. Kwindi ssostni li l-verżjoni taghha hija kkorroborata bi prova xjentifika u teknika.

18. L-appellanti tilmenta li f'paragrafi 27 sa 29 tas-sentenza, jinghad mill-ewwel Qorti li ma kien hemm l-ebda imprudenza jew negligenza da parti tas-socjeta` konvenuta u li l-event dannuz ma kienx prevedibbli u tistaqsi jekk dan iffissirx li hija waqghet wahedha jew li l-waqgha kinitx rizultat ta' forza magguri (eccezzjoni li qatt ma giet sollevata u wisq inqas

dibattuta), u li fi kwalunkwe kaz jonqsu l-elementi mehtiega mil-ligi sabiex tali difiza tirnexxi. Tilmenta li meta f'paragrafu 30, jinghad mill-ewwel Qorti li kienet il-fragilita` fizika taghha li kkontribwiet ghall-akkadut, thoss li giet akkollata htija ghal dak li gralha semplicement peress li hija anzjana. Dan meta ma hemm imkien fl-atti xi forma ta' prova li hija kellha fragilita` fizika, anzi mix-xhieda taghha jirrizulta li qabel l-incident kienet thossha qisha ghasfur. Mentri kien l-incident li kkawzalha fragilita` severa. Fi kwalunkwe kaz, anke jekk is-sitwazzjoni fizika tal-appellanti kienet wahda fragli kellu japplika l-"*egg shell principle"* jew *"thin skull rule"*, cioe` meta min iwettaq dannu fil-konfront ta' haddiehor, ma tiswa xejn id-difiza li d-dannu gie hekk imgarrab minhabba cirkostanzi partikolari ta' min isofrih (per ezempju l-fragilita`). L-appellanti ssostni li l-Kapitolu 427 tal-Ligijiet ta' Malta u l-ligijiet sussidjarji tieghu jaghmluha cara li s-sigurezza tal-prodott (inkluz *lifts*), ghandha tkun tali mhux biss fil-konfront ta' nies fl-aqwa sahha, izda wkoll dawk li ma jkunux f'qaghda daqshekk tajba, altrimenti jigu zvantaggati dawk li huma anzjani jew li ghandhom problemi fizici ohra. Dan meta l-gurisprudenza zviluppat maz-zmien fejn tidhol il-kwantifikazzjoni tad-danni li gie akkordat ukoll lin-nisa tad-dar, pensjonanti u nies li ma jahdmux. Kwindi l-fragilita` fizika tal-appellanti (li hija kkontestata) ma setghet qatt tingieb kontra taghha.

19. Trattati l-ilmenti tal-appellanti, jibda billi jigi pprecizat li l-azzjoni attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta appellata hija msejsa fuq il-

principju ta' *culpa akwiljana* (fejn persuna hija obbligata li b'ghemilha ma tikkawzax hsara jew dannu lil haddiehor). Din il-materja tinsab trattata fit-titolu "Fuq id-delitti u l-Kwazi-Delitti" tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta), fejn is-sens ewlieni hu li kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha fin-nuqqas ta' dispozizzjoni espressa tal-ligi li tghid mod iehor, dak illi fuq il-persuna jew beni tieghu tigri l-hsara (Artikolu 1029); kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dan l-uzu; kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu (Artikolu 1031) meta jirrizulta li fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja (Artikolu 1032) jew li jkun ghamel jew naqas li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi (Artikolu 1033). F'dan l-ahhar kaz, jinghad ukoll li d-dannegjant irid ikun ikkommetta vjolazzjoni jew trasgressjoni ta' dover li:

> "*quando si parla di colpa per omissione, si deve intendere la trasgressione di un dovere per il quale taluno era in obbligo di fare quello che non fece, giusta l'aforisma 'qui non facit quod facere debet videtur facere adversus ea quae non facit*" (**Giorgi -** Obbligazioni Vol. V pag 151).

20. Inoltre kif inghad fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tat-23 ta' Gunju, 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Giovanni Vella et v. Michael Cilia**:

> "*Fil-kaz fejn persuna tallega li tkun garrbet hsara minhabba l-ghemil jew l-omissjoni tal-parti l-ohra,* ***jehtieg li min jallega li garrab dannu jipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbilta` ta' dak l-ghemil jew ta' dik l-omissjoni, u kif ukoll, li d-danni mgarrba huma l-effett konsegwenzjali ta' dak l-ghemil jew ta' dik l-omissjoni.***"
> (enfasi ta' din il-Qorti).

Kwindi l-attrici appellanti f'din il-kawza ghandha l-oneru li tipprova mhux biss l-agir delittuz jew negligenti da parti tas-socjeta` konvenuta appellata, izda wkoll in-ness bejn l-agir tas-socjeta` konvenuta appellata u d-dannu mgarrab mill-istess attrici appellanti.

21. Hu minnu illi l-incident sehh fil-proprjeta` gestita mis-socjeta` konvenuta, pero` kien jispetta lill-attrici appellanti mhux biss tipprova li sehh l-incident fl-istabbiliment tal-appellata, izda li dan l-incident sehh konsegwenza diretta ta' xi nuqqas da parti tal-istess appellata. Fil-kaz odjern, l-attrici appellanti ma ndikat lill-Qorti l-ebda ksur ta' dispozizzjoni statutorja partikolari li setghet kienet imposta bil-ligi fuq is-socjeta` konvenuta appellata in konnessjoni mal-gestjoni tan-negozju taghha. F'cirkostanzi bhal dawn, ghalhekk, l-azzjoni odjerna trid tigi bbazata fuq in-normi u l-principji generali tar-responsabbilita` akwiljana kif rizultanti mid-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili hawn qabel citati.

22. Il-htija jew kolpa fil-kaz ta' fatt li jikkawza l-hsara, u li minnu torigina l-azzjoni akwiljana, issehh meta wiehed jaghmel att volontarjament, u huwa jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta' dan l-att, meta huwa seta' jipprevedi dak l-effett dannuz. L-istess tip ta' htija tiskatta meta wiehed jonqos li jaghmel xi haga li jkollu d-dmir li jaghmel u b'hekk jikkawza hsara lil haddiehor, hsara li seta' jipprevedi. Id-dottrina legali taghti diversi

definizzjonijiet tal-"culpa". **Carrara** (Programma, Parte Generale, Vol. I para. 80) jikkummenta hekk:

> "*Si mutino come piace le formule, ma il tripode sul quale si asside la colpa sara` sempre questo (1) volontarieta` dell'atto, (2) mancata previsione dell'effetto nocivo, (3) possibilita` di prevedere.*"

Aktar 'l isfel ezattament fil-paragrafu 83, dan l-awtur jirribadixxi hekk:

> *"...... la essenza della colpa sta tutta nella prevedibbilita`"*

23. Kif jinghad fis-sentenza tal-24 ta' April, 1964, fil-kawza fl-ismijiet **Coleiro v. Cassar** li tinsab fil-kollezzjoni **Vol. XLVIII.I.258**:

> "*Prevedibbilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili."*

Jinghad ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' Mejju 1954, fil-kawza fl-ismijiet **Carmela Fenech proprio et nomine v. Antonio Galea** (Kollez. Vol. XXXVIII.I.180):

> *"F'tema ta' danni derivanti minn delitt jew kwazi delitt, id-diligenza li hija necessarja biex tnehhi r-responsabbilita` hija dik medja, ossia ordinarja, cioe` dik ta' bniedem prudenti."*

24. *In linea* ta' principju f'post ta' negozju fejn ikun hemm sew impjegati, kif ukoll membri tal-pubbliku, min hu responsabbli allura fil-kaz taht ezami, is-socjeta` konvenuta appellata, trid tipprovdi ambjent bla periklu sew ghall-impjegati, kif ukoll ghall-pubbliku in generali – jibqa' fuqha d-dover li ma jkunx hemm periklu, kif ukoll id-dmir li jkollha sigurta`

massima fl-ambjenti kollha tal-post tan-negozju wzati mill-klijenti. F'dan il-kaz, kif gustament osservat mill-ewwel Qorti, jirrizulta li l-*lift* in kwistjoni kien relattivament gdid (installat fl-2006 – ara Dok. MC1 a fol. 161 tal-process) u kienu jsiru spezzjonijiet preventivi b'mod regolari kif titlob il-ligi (Avviz Legali 231 tas-sena 2007 – L.S. 427.63) minn Inginier kwalifikat u awtorizzat mill-Awtorita` kompetenti (ara fol. 144), l-ahhar wahda kienet fil-fatt saret ftit aktar minn xahar qabel ma sehh l-incident, li fiha gie kostatat mill-Inginier Manuel Scerri li l-bibien u s-*sensors,* jigifieri l-*photo cells* (li malli tidentifika li hemm xi hadd tiftah il-bieb) u l-*force limiter* ( li meta bieb jaghlaq fuqek, ma jkomplix jaghlaq izda kif ihoss ostakolu, jerga' jinfetah lura) kienu qeghdin jahdmu normali. Huwa f'dan is-sens li jrid jinqara l-paragrafu 26.1.5 tas-sentenza appellata li l-bieb tal-*lift* u s-*sensors* kienu funzjonanti fil-livelli rikjesti mil-ligi. Dan apparti li l-kuntrattur inkarigat mill-manutenzjoni tal-*lift*, ghamel xejn inqas minn sitt interventi ta' manutenzjoni fuq l-imsemmi *lift* fix-xahar ta' Jannar, 2009 (ara Dok. TD 2 sa TD 4 a fol. 227 sa 229 tal-process).

25. Dan kollu qajla jista' jinghad li jixhed xi traskuragni fit-twettiq ta' doveri tas-socjeta` konvenuta li tipprovdi ambjent sigur fl-istabbiliment in kwistjoni. Kwindi apparti li l-attrici appellanti ma taghmel ebda referenza ghal xi ksur ta' provvediment tal-ligi jew regolamenti relattivi, ma ressqet ebda prova li tikkontradici dawn il-provi, bhal per ezempju xi rapprezentant tal-Awtorita` kompetenti li xehed dwar xi nuqqas da parti

tas-socjeta` konvenuta fl-adempiment tal-obbligi legali taghha. Lanqas ma talbet li ssir xi perizja teknika sabiex tistabilixxi li l-akkadut kien konsegwenza ta' xi nuqqas da parti tas-socjeta` konvenuta. Ghalkemm huwa minnu li l-ahjar prova kienet tkun perizja fil-mument li sehh l-incident, xi haga li ma kinitx possibbli, ma kien hemm l-ebda ostakolu ghall-attrici li jew tressaq prova teknika *ex parte* jew titlob perizja teknika sabiex issostni t-tezi taghha li l-incident sehh "*minhabba t-tort u/jew negligenza u/jew imperizja u'jew nuqqas ta' tehid ta' mizuri necessarji ta' u da parti tas-socjeta` konvenuta*", liema oneru ta' prova kien jispetta lilha.

26. Huwa minnu li mill-provi jinsab assodat li l-incident sehh u li ftit jiem wara li sehh l-incident, giet riskontrata hsara f'wiehed mis-*sensors,* senjatament il-*photo cell,* izda ma jirrizultax li kien hemm xi hsara fil-mekkanizmu l-iehor dak tal-*force limiter.* Minkejja li din il-Qorti tasal li taqbel mal-attrici appellanti li x'aktarx bejn meta sar l-ahhar xoghol ta' manutenzjoni tal-*lift* fl-24 ta' Jannar, 2009 u meta giet riskontrata ufficjalment il-hsara fis-6 ta' Frar, 2009, sehhet xi hsara fis-*sensor* tal-*photo cell* bil-konsegwenza li ghal xi zmien ma baqax jahdem sew, certament ma jistax jinghad li kien hemm xi att volontarju da parti tas-socjeta` appellata, jew li hija setghet tipprevedi tali incident. Gialadarba din il-hsara ma gietx riskontrata la mill-ispezzjoni preventiva mwettqa mill-Inginier kompetenti xahar qabel l-incident u lanqas mill-manutenzjoni regolari mwettqa ftit jiem qabel l-incident mis-socjeta` Elmein Limited,

inkarigata bl-istess xoghlijiet ta' manutenzjoni, dan l-incident ma jista' bl-ebda mod jitqies prevedibbli. Kwindi n-nuqqas ta' relevanza tal-prova tal-hsara riskontrata fis-6 ta' Frar, 2009, hija marbuta mal-fatt li ma tirrizultax prova li s-socjeta` konvenuta appellata kienet mgharrfa bid-difett jew hsara fis-*sensor* qabel ma sehh l-incident f'liema kaz allura seta' jigi argumentat li l-incident kien prevedibbli u evitabbli.

27. Minn ezami tal-provi in atti, ghalkemm wiehed jista' jasal ghall-konvinciment fuq bilanc ta' probabiltajiet, li l-appellanti ntlaqtet bil-bieba tal-*lift* meta aktarx li s-*sensor* ma hadimx sew fil-mument tal-incident, izda l-principju kardinali f'materja ta' danni akwiljani huwa li sabiex ikun hemm lok ghad-danni, irid ikun hemm ness ta' kawzalita` bejn il-fatt kolpuz u l-konsegwenza dannuza. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-fatt li s-*sensor* ma hadimx hekk kif l-attrici ghaddiet mill-bieb tal-*lift,* ma jistax jitqies fih innifsu bhala fatt kolpuz, peress li huma nieqsa l-elementi tal-att volontarju da parti tal-appellata, u li hija naqset li tipprevedi l-effett dannuz ta' dan l-att, meta hija suppost setghet tipprevedi dak l-effett dannuz jew li hija naqset li taghmel xi haga li kellha d-dmir li taghmel u b'hekk giet ikkawzata l-hsara lil haddiehor, hsara li setghet tipprevedi. Relevanti f'dan is-sens hija l-gurisprudenza citata mill-ewwel Qorti. Huwa meqjus li s-socjeta` konvenuta appellata rnexxielha turi li hija ghamlet uzu minn dik id-diligenza li hija mistennija minn missier tajjeb tal-familja meta nkarigat kemm lill-Inginier sabiex jaghmel l-ispezzjonijiet preventivi

mistennija minnha, kif ukoll lill-kumpanija tal-manutenzjoni sabiex twettaq b'certu regolarita` t-tiswijiet li jkunu mehtiega f'*lift* li jkun qieghed jintuza ta' spiss fi stabbiliment kummercjali. Huwa f'dan is-sens li jridu jinqraw paragrafi 27 sa 29 tas-sentenza, fejn jinghad mill-ewwel Qorti li ma kien hemm l-ebda imprudenza jew negligenza da parti tas-socjeta` konvenuta u li l-event dannuz ma kienx prevedibbli. Isegwi li fin-nuqqas li s-socjeta` appellata tinstab li kienet responsabbli ghal agir kolpuz, ma tistax twiegeb ghad-danni.

28. Dan ma jfissirx li din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti meta *obiter* jinghad minnha li l-fragilita` fizika tal-attrici setghet kienet fattur li kkontribwiet ghall-akkadut, peress li tabilhaqq mill-provi dan ma jirrizultax. Izda jibqa' l-fatt li l-attrici appellanti naqset milli tressaq prova konvincenti dwar l-agir kolpuz li tixli lis-socjeta` appellata bih. Ghalkemm huwa minnu illi l-incident sehh fil-proprjeta` gestita mis-socjeta` konvenuta, il-Qorti ma tistax issostni kongetturi, izda tiddeciedi biss fuq fatti ppruvati. Ma hemm ebda prova kif dan l-incident b'xi mod kien attribwibbli ghal xi nuqqas tas-socjeta` konvenuta appellata. Dan ma jfissrix li l-kaz jaqa' fil-parametri ta' forza magguri, (fil-fatt l-ewwel Qorti ma qalitx hekk), izda gialadarba l-appellanti taghmel din il-mistoqsija, huwa meqjus xieraq li din il-Qorti twiegeb il-mistoqsija li dan il-kaz huwa ritenut bhala wiehed klassiku ta' *casus* jew incident sfortunat li ghalih ma jahti hadd. Lanqas ma huma relevanti t-teoriji ta' *"egg shell principle"* jew *"thin skull rule",* gialadarba

ma gie riskontrat l-ebda agir kolpuz da parti tas-socjeta` appellata. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti in kwantu tqis li l-attrici appellanti ma ppruvatx it-talbiet taghha kif mistenni minnha, konsidrata l-azzjoni mressqa.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, tichad l-appell tal-attrici appellanti, u tikkonferma s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta' Gunju, 2016, fil-kawza fl-ismijiet premessi.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tal-attrici, issa kontra wliedha Carmel Galea u Jesmond Galea, li f'isimhom gew trasfuzi l-atti *stante* li l-attrici mietet fil-mori tal-appell.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm